**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 14 ta' Jannar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**
**(Spettur Roderick Agius)**
**-vs-**
**Ryan Farrugia detentur tal-Karta tal-Identita` numru 212295M; u**

**Brendon Farrugia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 460097M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 316/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Ryan Farrugia u Brendon Farrugia, u cioe` talli:

> Nhar is-26 t'April, 2018, ghall-habta tal-18:30 hrs, gewwa garage fi Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug, u f'dawn il-Gzejjer:
>
> Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta' John Scicluna f'periklu cjar, ikkagunaw griehi ta' natura gravi hekk kif iccertfika Dr. Nicola Bonello, Med. Reg. No. 4089; u
>
> Insulentaw, heddew jew ngurjaw bi kliem jew b'mod iehor lil John Scicluna.

Il-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil John Scicluna u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali netta tal-imputati, tal-ammissjoni taghhom u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 216(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta, qed taghmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u ghaldaqstant tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jwettqux reat iehor fi zmien ghoxrin (20) xahar millum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel ma sar l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja jkunu jistaw jingħataw sentenza għar-reat oriġinali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputati ghaf-favur ta' John Scicluna ghal zmien tlett (3) snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**